# L-Imqabba 400 Sena Parroċċa

## L-Arti Viżiva u l-Letteratura f'tifkira dejjiema

L-iskop ta' dan is-servizz mhux wieħed strettament storiku jew ta' analiżi. Hu artiklu minsuġ minn kitbiet li ġew ippubblikati diġà. L-iskop hu wieħed kommemorattiv fl-okkażjoni ta' għeluq l-400 sena minn meta fuq insistenza tagħhom, l-Imqabbin ikkonvinċew lill-Isqof ta' dak iż-żmien sabiex jagħtihom parroċċa indipendenti. Barra minn hekk nixtiequ li b'mod leġġier u li jiġbed l-għajn noffru kontribut żgħir sabiex innisslu fl-Imqabbin imħabba lejn raħal twelidhom. J'Alla li bl-isforz ta' kulħadd naslu sabiex kulħadd jagħmel tiegħu l-kliem tal-poeta Karmenu Vassallo meta kiteb dan li ġej fuq raħal twelidu:

Seta' kien akbar – seta' kien isbaħ,
raħal twelidi – jogħġobni sħiħ:
U dinja ġdida – u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti – jurini fih!

Jien kont u għadni – jien kont u nibqa'
raħal twelidi – miegħek marbut:
Xejn aktar minnek – xejn isbaħ minnek
ma nsib jew nara – sakemm immut.

Għallimtni nagħder – u nħobb lil għajri;
għallimtni nimxi – fit-triq tad-dawl;
għallimtni naqdi – dmiri nisrani;
għallimtni s-Sewwa – li tak San Pawl.

Seta' kien akbar – seta' kien isbaħ,
raħal twelidi – jogħġobni sħiħ:
U dinja ġdida – u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti – jurini fih!

*(Karmenu Vassallo mill-poeżija 'Raħal Twelidi')*



*Ir-raħal ta' l-Imqabba.*

### Ir-raħal ta' l-Imqabba

L-Imqabba taf it-twelid tagħha bħall-irħula l-oħra tal-qrib – minn grupp ta' rziezet madwar xi kappella ċkejkna li kienet isservi l-ħtiġijiet spiritwali tal-bdiewa tal-lokal u l-familji tagħhom. Bil-mod il-mod dawn in-nuklei twessgħu sabiex evolvew f'irħajjel ħdejn l-ieħor, biex illum, uħud minnhom, saru rħula kbar b'eluf ta' abitanti.

Fil-lista tal-Militia ta' l-1419/20 nsibu li mill-Imqabba kienu mdaħħlin 21 raġel. Jekk nieħdu l-estimu ta' erba' persuni għal kull raġel skond kif sostnut minn diversi storiċi naslu biex inqisu li fl-Imqabba f'dak il-perjodu kienu jgħixu madwar 84 ruħ.

*(Charles Farrugia, f''Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba', Malta 1995, 2)*

### L-Imqabba ssir Parroċċa

Kitba qadima ta' l-arkivju tal-Katidral ta' Malta tagħtina tagħrif qasir dwar l-Imqabba. Hemm naqraw: "L-Imqabba waqt (it-tielet) viżta pastorali ta' Mons. Gargallo fis-sena 1598, ġiet mgħollija għall-istat ta' parroċċa. Inqatgħet minn Birmiftuħ u Ħal Kirkop, li magħhom sa dak iż-żmien kienet magħquda. Dan jidher mill-Atti ta' dik il-Viżta li jinstabu fil-Kurja ta' l-Isqof."

Malli, waqt il-viżta ta' Gargallo, ittieħdet id-deċiżjoni li l-Imqabba jkollha l-knisja parrokkjali tagħha,

ġie magħżul il-Kappillan għaliha. Dettalji li nsibu f'reġistru tal-parroċċa ta' l-Imqabba stess jiċċarawlna din ir-rabta ma' Birmiftuħ u Ħal Kirkop. Ħal Kirkop, fid-29 ta' Mejju 1592, inqata' parroċċa għal rasu billi ħa t-territorju tiegħu kollu minn Birmiftuħ. Imma, billi diġà kien hemm il-ħsieb li l-Imqabba ssir parroċċa, minn Birmiftuħ ittieħed ukoll dak it-territorju li kien se jingħata lill-Imqabba. Proviżorjament, sakemm tasal il-ġurnata mistennija, l-Imqabba ġiet imqiegħda taħt il-ħarsien tal-Kappillan ta' Ħal Kirkop. F'dak iż-żmien diffiċli ħafna għal Ħal Kirkop ukoll, ir-reġistri ta' Ħal Kirkop stess kellhom ikunu ċari dwar dan biex 'il quddiem ma tinħoloqx konfużjoni.



*Il-kappella ta' Bir Miftuħ - Knisja Matriċi għall-Imqabbin.*

B'xorti ħażina għalina, l-atti tat-tielet viżta ta' Gargallo ma jeżistux sħaħ. Tinstab mitlufa l-parti li għandha x'taqsam ma' l-Imqabba. Il-viżta pastorali tad-djoċesi ntemmet fix-xahar ta' Novembru 1598. Għalkemm Ħal Kirkop innifsu f'dak iż-żmien ta' transizzjoni kien għadu f'rabtiet ma' Birmiftuħ, tidher iżjed eżatta n-notizzja ta' l-istoriku Gian-Franġisk Abela. Waqt li osserva li t-tagħrif tiegħu qed jiġbru mill-atti tal-viżta ta' l-1598, Abela kiteb: "Gargallo ddikjara bħala parroċċa lill-Imqabba. Ġiet maqtugħa kollha kemm hi minn Ħal Kirkop. Għaliha għażel bħala l-ewwel Kappillan lis-saċerdot Dun Ġwann Mizzi. In-nies ta' l-Imqabba ntrabtu li kull sena jagħtuh prebenda għall-għajxien tiegħu u renta biex, bis-saħħa tagħha, iżomm dejjem jixgħel il-lampier ta' quddiem Ġesù Sagramentat."

Il-parroċċa ta' l-Imqabba nqatgħet madwar xahrejn qabel ma ntemmet il-viżta ta' l-Isqof. Billi, malli saret parroċċa, malajr tqiegħed il-Kappillan, insibu l-ewwel tagħrif bid-datazzjoni tal-bidu tal-ħidma parrokkjali. It-tagħrif hu dan: "L-ewwel Kappillan li mexxa din il-parroċċa hu Dun Ġwann Mizzi. Beda t-tmexxija tiegħu fil-15 ta' Settembru 1598, u baqa' jmexxi sa l-1603."

*(Alexander Bonnici)*

## Il-Parroċċa ta' San Bażilju

Minkejja x-xewqa Mqabbija għal parroċċa Marjana, l-Isqof għoġbu jiddikjara l-kappella ta' San Bażilju bħala parroċċa. Kif jgħid l-istorjografu Mqabbi Dun Lawrenz Zammit:

"Fil-bidu ta' l-erezzjoni tal-parroċċa l-knisja ta' San Bażilju (billi dina kienet akbar minn dik ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni) serviet għal bosta snin bħala knisja parrokkjali, difatti l-ewwel kappillan tagħha s-saċerdot Dun Ġwann Mizzi fiha kien jeżerċita l-ministeru parrokkjali tiegħu u dam sal-1603 sakemm sar Kanonku tal-Katidral..."

*(Lawrenz Zammit, 'Descrizioni Storica tal cnisia Parrochiali tal Imkabba', Malta 1927, 11).*



*L-Isqof Tommaso Gargallo – waqqaf il-parroċċa ta' l-Imqabba.*

## Ix-xewqa ta' l-Imqabbin tinqata' – Parroċċa Marjana

U t-twemmin xtered mal-gżejjer
Qima lejn Ġesù, Marija,
L-Imqabbin it-twemmin ħaddnu
U Parroċċa ħarġet hija...

Kemm fin-nixfa, kemm fil-għana
Kibret Parroċċa Marjana.

U n-nies baqgħet fidila
Tqim lil Kristu, lil Marija
L-Imqabbin it-twemmin żammu
Hekk Parroċċa ilha erba' mija...

Kemm fin-nieqes, kemm fil-għana
Baqgħet Parroċċa Marjana.

*(Mill-Kantata "225 Sena mit-Twaqqif tal-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni' kitba tas-Sur Sunny Aquilina.)*



*Il-Knisja Parrokkjali dedikata lill-Madonna.*

## Jitwaqqfu l-Każini

"Fl-1896 insibu li fl-Imqabba kien jeżisti każin bl-isem ta' Vittoria. Xi piki ta' natura politika u anke xi piki familjari waslu biex ikun hemm firda f'dan il-każin u għalhekk kellu jingħalaq wara ħajja qasira. Fl-1897 twaqqaf il-każin bl-isem San Ġużepp minħabba li fl-1898 ir-raħal ta' l-Imqabba kien wasal biex jiċċelebra t-tielet ċentinarju mit-twaqqif tiegħu bħala Parroċċa u kien maħsub li jsiru festi kbar. Dan kien jirrikjedi xi forma ta' organizzazzjoni formali. Iċ-Ċirkolu San Ġużepp ħa ħsieb il-festa ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni ta' l-1897 kif ukoll ta' l-1898 fiċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru. Dan il-każin kien fl-aqwa tiegħu f'dawn is-sentejn iżda dam wieqaf sa madwar l-1905 meta mbagħad twaqqaf il-Każin Soċjali Santa Marija u sal-1910 ma kienx jeżisti għajr każin soċjali wieħed li jieħu ħsieb iż-żewġ festi tar-raħal, jiġifieri l-festa titulari ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni popolarment imsejħa Santa Marija u l-festa tal-Madonna tal-Ġilju."

*(Carmen Lia, 'Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba', Malta 1997, 1)*

## Żminijiet Diffiċli

Mal-medda tas-snin, il-poplu Mqabbi għadda kemm minn żminijiet sbieħ kif ukoll dawk diffiċli. Fost iż-żminijiet diffiċli ta' min isemmi l-Pesta, l-emigrazzjoni u t-Tieni Gwerra Dinjija.

"L-agħar jum tal-gwerra f'Malta kien il-Ħamis, 9 ta' April 1942. Għall-Imqabbin żgur li dan il-jum kien l-aktar wieħed ta' qsim il-qalb tul il-jiem kollha tat-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan il-jum sar wieħed mill-ewwel attakki fuq Malta mill-'Air Force' Ġermaniża... Disa' Junkers ħabtu għal Ħal Luqa u għall-ajruport... Fit-tiġrif inqabdu fil-knisja flimkien mal-qassisin Dun Gerald Mangion u Dun Ġenju Mallia, is-sagristan Toni Mallia u Karmenu Magro. B'xorti tajba l-ebda wieħed minn dawn ma weġġa'."

*(Anton Farrugia, 'L-Imqabba: Aspetti Storiċi u Soċjali', University of Malta 1989, teżi tal-B.Ed. (Hons), 55)*



*Dehra oħra ta' l-Imqabba.*

Dwar it-tbatija tat-Tieni Gwerra għandna poeżija ħelwa ta' bniedem li bħala suldat għex dawk il-mumenti koroh qalb l-Imqabbin fejn kien stazzjonat. Dan kien George Hogan li qal hekk:

**Mqabba – Nazi Quarter of an Hour**

A quarter to one; you can hear the clock chime.
We're proud of the clock and we love the old church.
It is glorious spring and we look at the time
Though the weird banshee wails and we hear the Hun search.

The drone of the planes and the rushing of wind!
The thunder! The lightning! The tall buildings lurch,
Bomb dust and bricks! (O God have we sinned?)
The debris, the craters, the hole in the church.

The ruins of homes, the stone and the dead.
The paintings of saints and the priest in his frock.
The clock tower intact, though its heart must have bled
For its pulse beats no more, and it stares – one o'clock.

*(George Hogan, 'The Triumphant Years 1940-43')*

Nagħlqu dan is-servizz kommemorattiv bil-versi li l-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba għażel sabiex ikunu versi li jgħaqqduna lkoll bħala aħwa Mqabbin.

**Lil Raħal Twelidi**

Raħal twelidi jagħtini l-ħeġġa,
jagħtini l-ħajja u fih insib
l-isbaħ u l-ifjen ġawhra ta' qalbi
kull wild dar-raħal ngħoddu b'ħabib

Irrid li l-għaqda ġo fih tinxtered
u żżid titkattar matul is-snin;
biex sliem isaltan u 'l quddiem jimxi,
bix-xogħol, bil-ħila ta' nies għaqlin.

Jekk kbir jew ċkejken, jekk fqir jew għani,
nibqa' tul ħajti miegħu marbut;
u nibqa' nlissen ismu fuq fommi,
Jien wild l-Imqabba sakemm immut.

*('L-Innu ta' l-Imqabba' versi ta' Nikola Aquilina.)*



*L-Imqabba – Ċentru tal-qtugħ tal-ġebel.*

Dan is-servizz kien ippreżentat minn: *Editur Ġenerali* – Charles Farrugia.
Storja meħuda mill-kitbiet ta': Alexander Bonnici, Anton Farrugia, Charles Farrugia, Carmen Lia, Lawrenz Zammit.
Letteratura: Sunny Aquilina, Nikol Aquilina, George Hogan, Karmenu Vassallo.

**Nota Editorjali**

*Il-Bord Editorjali ta' dan il-programm jirringrazzja lil storiċi bħal Carmen Lia u Charles Farrugia li bil-ħidma u r-riċerka tagħhom wasslu sabiex l-istorja tal-każini tagħna u ta' raħalna tkun tista' tinkiteb. Huma t-tnejn kontributuri regolari f'din il-pubblikazzjoni. Tifraħ ukoll lil Charles Farrugia li ġie magħżul bħala editur tal-ktieb 'L-Imqabba mal-medda taż-żmien' li hu ġabra mill-aqwa ta' l-istorja ta' raħalna fl-okkażjoni tal-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa.*